# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## IS-SEBA' LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 473**

**It-Tnejn 21 ta' Frar, 2017**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' fl-Uffiċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq iċ-Ċawsli, Ħaż-Żabbar, fis-7.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Marc Vella Bonniċi – Sindku
Domenic Agius – Viċi-Sindku
Joseph Buttigieg – Kunsillier
Mark Grech – Kunsillier
Joseph Agius (Is-Sway) – Kunsillier
Brian Spiteri – Kunsillier
Joseph Vella – Kunsillier
Anna Calleja – Kunsilliera
Joseph Bonnici – Kunsillier
Joseph Agius – Kunsillier
John J Pace – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI**

Ħadd ma kien assenti.

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Duncan Busuttil – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku, is-Sur Marc Vella Bonnici, ippresieda l-laqgħa.

**473.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

473.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

**473.2 Segretarju Eżekuttiv**

473.2.1 Is-Sindku qal li sejjaħ din il-laqgħa biex iressaq mozzjoni rigward is-Segretarju Eżekuttiv biex il-Kunsill jiddeċiedi li jitlob lill-Ministru responsabbli mill-Kunsilli Lokali sabiex is-Sur Duncan Busuttil ma jibqax iservi bħala Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żabbar b'mod immedjat. Dan minħabba nuqqas kbir ta' armonija u fiduċja bejn is-Segretarju Eżekuttiv u numru ta' membri tal-*istaff* kif ukoll ma' numru ta' Kunsillieri fi ħdan il-Kunsill. Is-Sindku qal ukoll illi din il-mozzjoni kienet qed tiġi issekondata minn diversi membri oħra. (Emendat)

473.2.2 Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet jekk hux legali li tiġi ppreżentata din il-mozzjoni f'din il-laqgħa.

473.2.3 Is-Sindku qal illi kemm il-darba l-mozzjoni hija relatata mas-suġġett li hemm fuq l-agenda, il-mozzjoni tista' titressaq. Is-Sindku qal ukoll li kien ħa parir u li din qiegħda mniżżla fis-Sitt Skeda Artiklu 7. Is-Sindku qal illi jekk hemm xi ħadd li għandu dubju fuq il-legalità tal-vot jitkellem mad-Dipartiment. Is-Sindku talab li jekk m'hemmx kummenti fuq il-mozzjoni jittieħed il-vot u jekk hemm min għandu xi dubju dwar il-legalità tal-vot imbagħad jitkellem mad-Dipartiment għada u jaraw jekk hux kollox mexa kif suppost jew le.

473.2.4 Il-Viċi-Sindku qal li hu qatt ma kellu problemi mas-Segretarju Eżekuttiv u staqsa lill-Kunsillieri xi problemi għandhom mas-Segretarju Eżekuttiv.

473.2.5 Is-Sur Joseph Agius (Is-Sway) u s-Sinjura Anna Calleja qalu li lanqas huma qatt ma kellhom xi problema mas-Segretarju Eżekuttiv.

473.2.6 Is-Segretarju Eżekuttiv talab sabiex ikun jaf liema membri tal-*istaff* u Kunsillieri għandhom xi problemi miegħu u għaliex, filwaqt li talab lis-Sindku biex jiġi sostanzjat dak li kien qiegħed jingħad fil-mozzjoni.

473.2.7 Is-Sindku qal lis-Segretarju Eżekuttv li ma jistax u mhux suppost jitkellem u jekk hemm xi Kunsillieri li jridu jitkellmu fuq il-mozzjoni jistgħu jitkellmu .

473.2.8 Is-Sur Joseph Agius (Is-Sway) staqsa għalfejn għandu jitneħħa s-Segretarju Eżekuttiv u x'għamel ħażin. Is-Sindku wieġeb li hekk hemm bżonn.

473.2.9 Il-Viċi-Sindku qal illi ma kienx ser jaċċetta li s-Segretarju Eżekuttiv ikollu il-vot ta' sfiduċja bla raġuni.

473.2.10 Is-Sindku wieġeb li dan m'huwiex vot ta' sfiduċja u li ma jistax jagħmel vot ta' sfiduċja f'Segretarju.

473.2.11 Is-Sinjura Anna Calleja qalet li trid raġunijiet konkreti.

473.2.12 Is-Sindku qal illi huwa kien qed iressaq mozzjoni li ġiet proponuta u ssekondata u illi r-raġunijiet kienu mniżżlin fil-mozzjoni.

473.2.13 Is-Sinjura Anna Calleja qalet lis-Sindku li fil-mozzjoni jista' jingħad li jrid mingħajr ma jinġiebu l-provi. Is-Sindku qal lis-Sinjura Calleja li dik kienet l-opinjoni tagħha. Is-Sindku qal li hu kien qed iressaq il-mozzjoni.

473.2.14 Is-Sur Joseph Agius (Is-Sway) qal lis-Sindku li jridu jinġiebu l-provi għaliex għandu jitneħħa is-Segretarju. Is-Sindku qallu le.

473.2.15 Is-Sur Joseph Agius (Is-Sway) insista li għandhom jinġiebu l-provi dwar dak li qed jingħad fil-mozzjoni. Is-Sindku qal li r-raġuni hija fuq nuqqas ta' armonija u fiduċja u fuq l-ebda akkuża.

473.2.16 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-ebda mozzjoni ma tista' titressaq minn min ikun għamel din il-mozzjoni jekk ma jkunx ta l-avviż bil-miktub sitt ijiem qabel u jkun ikkonsenja l-avviż lis-Segretarju Eżekuttiv u l-mozzjoni tkun intbgħatet lill-Kunsillieri mal-Agenda minn qabel. (Emendat)

473.2.17 Is-Sindku qal lis-Segretarju Eżekuttiv li ma jista' qatt jitkellem waqt il-laqgħa.

473.2.18 Is-Sindku qal illi minbarra kif provdut fl-Ordnijiet Permanenti, la darba l-mozzjoni tkun relatata mas-suġġett, tkun tista' titressaq.

473.2.19 Is-Sindku ikkwota mill-Att Dwar il-Kunsill Lokali li l-ebda mozzjoni ma tista' titressaq kemm-il darba x-xogħol li għandha x'taqsam miegħu ma jkunx imniżżel fuq l-aġenda mis-Segretarju Eżekuttiv.

473.2.20 Is-Segretarju Eżekuttiv reġa staqsa min huma l-Kunsillieri u l-membri tal-*istaff* li għandhom xi problemi jew diżgwid miegħu. Is-Segretarju qal li ma tistax issir akkuża bħal din u ma tiġix sostanzjata.

473.2.21 Is-Sindku qal illi min ~~iħossu komdu jissekonda bilfors irid jaqbel magħha~~ ħassu komdu jissekonda, bilfors li qed jaqbel ma din il-mozzjoni. (Emendat)

473.2.22 Is-Sindku reġa' talab sabiex jittieħed vot fuq il-mozzjoni u qal illi r-raġunijiet huma armonija u fiduċja.

473.2.23 Is-Sinjura Anna Calleja sostniet li għandha tingħata aktar informazzjoni dwar il-mozzjoni.

473.2.24 Il-Viċi-Sindku qal lis-Sindku li ma jistax jagħmel sarima ma' ħalq is-Segretarju. Is-Sindku qal lil Viċi-Sindku biex jivvota kontra u li m'hix problema.

473.2.25 Is-Sindku talab li jittieħed vot fuq il-mozzjoni proposta minnu u ssekondata mis-Sur Joseph Vella. Il-Kunsill qabel b'seba' voti favur u ~~erbgħa~~ tlett voti kontra u astenzjoni waħda. (Emendat)

473.2.26 Il-laqgħa spiċċat fis-7.10 ta' filgħaxija.

IFFIRMATA

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fl-475 laqgħa li saret nhar it-Tnejn 6 ta' April, 2017.

IFFIRMATA

Marc Vella Bonnici
Sindku